**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Steven Farrugia**

Numru: 322/2013

Illum 15 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Steven Farrugia**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin missier mhux maghruf u Anna Maria xebba Farrugia, imwieled gewwa l-Pietà nhar is-7 ta' Ottubru 1986, residenti gewwa l-fond Block 1, Flat 2, Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq jew 36, Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 450586(M)

akkuzat talli nhar is-16 ta' Dicembru 2012, ghall-habta tal-11.00 ta' filghaxija, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CBR 048 ghad-detriment ta' Crispin Grima u jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CBR 048 ghad-dannu ta' Crispin Grima u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CBR 048 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghama Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CBR 048 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ghal terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Mag. Dr. A Demicoli LL.D), b'sentenza moghtija nhar it-22 ta' Marzu 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi tiskwalifika lil Steven Farrugia milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "RV 4" – *a fol.* 35).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016, is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile* (*a fol.* 103 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 105), id-difiza talbet aktar zmien sabiex tkun tista' tiehu konjizzjoni tal-atti processwali u b'hekk tkun tista' taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha, liema talba giet milqugha.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 106), il-Qorti tat lid-difiza zmien sas-27 ta' Mejju 2016 sabiex taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijietipprezentata mid-difiza fis-27 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 108 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehdu **PS 612 Theo Vella** u **PS 74 Mark Chetcuti** (*a fol.* 13) fejn qalu li fis-16 ta' Dicembru 2012 gew infurmati mill-iSpettur Robert Vella li kienet instabet vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 li allegatament kienet misruqa ftit qabel. Jghidu li huma ffotografaw ix-xena fejn instabet il-vettura kif ukoll ghamlu xi ezamijiet ghal impronti digitali. Huma pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. "TV 1" (*a fol.* 15 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **Stephen Cachia** (rapprezentant Transport Malta – *a fol.* 21) fejn spjega li minn ricerka li ghamel irrizulta li vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 tal-ghamla Kia Avella kienet ilha registrata fuq Christian [Crispin] Grima mit-12 ta' Gunju 2012. Xehed ukoll li minn ricerka li saret fuq id-dettalji tal-imputat irrizulta li l-imputat ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan u li kien hemm skwalifiki tal-licenzji tas-sewqan li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 2005 u t-2 ta' Settembru 2005 u l-perjodu bejn is-26 ta' Frar 2009 u l-25 ta' Frar 2010. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed dwarha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Vella** (*a fol.* 24 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien ghamel l-kwerelant Grima fl-Ghassa tal-Pulizija nhar is-16 ta' Dicembru 2012 fejn Grima kien irraporta li kienet insterqitlu l-vettura tieghu tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 minn gewwa l-Marsa. Jghid li Grima kien qal li xi hin qabel kien inqala' argument bejn zewg persuni li kien qed jixrob maghhom. Jghid li Grima qal li rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni u wara li kien allontana ruhu mill-post, meta mar lura ma sabx il-vettura tieghu u meta kien fi triqtu lejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun biex jaghmel ir-rapport ra l-vettura tieghu tigi misjuqa mill-imputat (li kien fl-istess hanut fejn kien hu (Grima)) li

baqa' dahal f'hajt u kkawza numru ta' hsarat konsiderevoli fuq il-vettura, l-imputat hareg mill-vettura, beda jghajjar lil Grima u telaq jigri minn fuq il-post. Jghid li l-Pulizija marru fejn instabet il-vettura bil-hsarat estensivi fuqha. Jixhed li Grima kien ikkonferma mieghu dak li kien qal lill-Pulizija u li kien stqarr li hu f'ebda hin ma kien ta permess lill-imputat biex isuq il-vettura tieghu. Jispjega li l-imputat irrilaxxa stqarrija u jispjega x'ghamel in segwitu ta' dak li kien qallu Grima. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "RV 1" sa "RV 10" (*a fol.* 28 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **Crispin Grima** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut huwa kien jinsab go hanut jixrob mal-habib tieghu Chris Cardona fejn dan Cardona kellu xi jghid mat-tfajla tieghu. Jghid li kellu l-vettura tieghu Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 ipparkjata quddiem dan il-hanut. Jghid li huwa mar iwassal lil dan il-habib tieghu u t-tfajla tieghu u meta wasal lura ma sabx il-vettura tieghu. Jghid li meta kien fi triqtu biex jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ra l-vettura tieghu tinstaq mill-imputat u beda jsegwih. Jghid li lill-imputat kien jafu u li l-imputat kien ukoll fl-istess hanut fejn kien qed jixrob hu (Grima) hin qabel tant li anke hallsu birra lil xulxin. Jghid li l-imputat baqa' diehel go hajt u ghamillu hsara fiha. Jghid li huwa ra lill-imputat isuq *gas down* u li dak il-hin ma rax nies fit-triq. Jghid li Cardona u t-tfajla tieghu kienu mieghu f'dan il-hin li ra lill-imputat isuq il-vettura. Mistoqsi jghid jekk dakinhar il-vettura tieghu kienitx imsakkra jew le, jghid li ma kienitx imsakkra pero jghid li kellha l-hgieg imtella'. Jghid li c-cavetta tal-vettura kienu ghandu. Jghid li meta nstabet il-vettura din kellha xi *wires* taht l-i*steering* maqlughin. Jghid li l-imputat kien wahdu fil-vettura.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehed **Anthony Mizzi** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li huwa *surveyor* mas-socjeta' Untours Insurance. Huwa kkonferma l-kontenut tas-*survey report* redatt minnu, liema rapport huwa mmarkat bhala Dok. "RV 3" (*a fol.* 31 *et seq.*). Jispjega li dan ir-rapport ghamlu b'mod privat fuq struzzjonijiet ta' Crispin Grima fuq min kienet registrata l-vettura in kwistjoni. Jghid li l-vettura kellha hsarat fuq il-parti ta' quddiem kif ukoll hsara mekkanika. Mistoqsi jghid kemm kienu jammontaw id-danni, bejn wiehed u iehor, wiegeb: *"bejn wiehed u iehor il-valur*

*ta' l-ktieb indikat dak iz-zmien il-karozza kienet tiswa one thousand three hundred u hawnhekk bhala spejjez bejn wiehed u iehor jigifieri kienu approssimament ha jaqbzu l-ammont kemm kienet inxjurata l-karozza"* (*a fol.* 61).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed **PS 201 Sandro Magro** (*a fol.* 67 *et seq.*) rigward ir-rapport li gie mhejji minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 69 *et seq.*). Fir-rapport hemm indikat is-segwenti: *"the divisional police repaired [!] on site and spoke to pfr whom stated that he was drinking inside racecourse bar together with the witness when he decided to pick up his vehicle near his stable in Sqaq il-Gerrejja but noticed it was stolen but stated that he had left the carkeys in its ignition. Also adding that the culprit Stephen Farrugia was also present earlier in the same bar"* (*a fol.* 73). Fir-rapport hemm indikat ukoll: *"On the 11/01/13 Farrugia was spoken to in the Hamrun Police Station and denied the above allegations. He added that it was the complainant who told him to drive his vehicle and to leave it next to the skip, as he was drunk and that the victim was aiding his friend who had just had an argument with his girlfriend. He further stated that he had no intention of stealing and left the key on the vehicles carpet"* (*a fol.* 74).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed ukoll **Christian Cardona** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien mal-kwerelant Grima li kellu l-vettura pparkjata li spiccat insterqet. Jghid li meta kienu fi triqithom biex jaghmlu rapport, raw il-vettura mahbuta. Mistoqsi jghid jekk rax lil xi hadd fil-vettura wiegeb: *"Insejt"* (*a fol.* 76). Jghid li jaf lill-imputat. Wara li rega' gie mistoqsi u gie nfurmat mill-Qorti li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu jekk jirrizulta li kien qed jiehu gurament falz, wiegeb li jahseb li kien hemm l-imputat fil-vettura. Jghid li minn wiccu seta' jaghraf li kien l-imputat. Jghid li lill-imputat rah isuq il-vettura Kia ta' Crispin Grima. Jghid li wara hu u Grima raw il-vettura in kwistjoni mahbuta. Ghad-domanda jekk kienx hemm xi hadd hdejn il-vettura mahbuta jew xi hadd fiha, wiegeb: *"Le ma jidhirlix li kien ghad hemm in-nies go fiha wahedha kienet"* (*a fol.* 78).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 87) in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti fis-

seduta tas-6 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 59) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 88 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "RV 1" – *a fol.* 28 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Robert Vella, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "RV 2" – *a fol.* 30), l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu fir-rigward ta' dak li allegatament gara fis-16 ta' Dicembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet varji meta huwa allegatament seraq il-vettura tal-kwerelant Grima. Da parte tieghu, fir-rapport redatt mill-Pulizija, l-imputat jichad li huwa seraq il-vettura in kwistjoni pero jghid li l-kwerelant kien tah il-permess isuq il-vettura. L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq b'numru ta' kwalifiki, bi hsara volontarja, b'sewqan tal-vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz, b'sewqan b'nuqqas ta' licenzja u b'nuqqas ta' koperatura ta' polza ta' assigurazzjoni. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li kkommetta reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza u li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq bil-kwalifiki tal-valur, tal-hin, tal-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bis-serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 048 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa. Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti hija ben konxja tal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-espert is-Sur Joseph Mallia fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 88 *et seq.*) fejn huwa kkonkluda hekk:

"1. Illi l-impronti dokument 12 DOB 301 huma mzelgin, nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti, bejn dawk l-impronti u d-dokumenti JM 1 formola tal-impronti digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Steven Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 450586(M))".

Illi, minkejja dan, il-Qorti tinnota li kemm il-kwerelant Grima u kif ukoll ix-xhud li kien mieghu fil-vettura gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni wara li din kienet nieqsa. Il-Qorti tinnota li l-kwerelant kien sincier meta qal li l-vettura tieghu ma kienitx imsakkra u li kellha l-hgieg imtella'. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-kwerelant ta permess lill-imputat biex isuq il-vettura in kwistjoni. Ta' min jinnota wkoll li l-kwerelant Grima qal li meta l-vettura nstabet nstab li kellha xi *wires* taht l-i*steering* maqlughin. Maghdud ma' dan, il-Qorti tinnota li l-ebda cavetta ma giet moghtija mill-kwerelant lill-imputat biex isuq il-vettura.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li effettivement r-reat ta' serq da parte tal-imputat gie pruvat. Anke l-kwalifiki tal-valur, tal-hin, tal-mezz u tax-xorta tal-haga misruqa gew sodisfacentement pruvati u dana qed jinghad minhabba s-segwenti: (a) id-depozizzjoni moghtija minn Anthony Mizzi (*a fol.* 61 *et seq.*) u tar-rapport redatt minnu (Dok. "RV 3" – *a fol.* 31) fejn indika li l-*book value* tal-vettura kien dak ta' €1,300, (b) il-hin li saret is-serqa tal-vettura, (c) kif l-imputat seraq il-vettura u rnexxielu jsuqha, u (d) il-fatt li l-oggett misruq hija vettura.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dana bil-kwalifiki ndikati.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hsara Volontarja fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CBR 048)</u>**:
Illi l-kwerelant Grima jispjega kif il-vettura tieghu, waqt li kienet qed tinstaq mill-imputat, baqghet diehla go hajt u gew kagunati fuqha numru ta' hsarat. Da parte tieghu, Christian Cardona kkonferma li wara li ra l-vettura tinstaq mill-imputat din il-vettura sfat mahbuta.

Illi meta s-*surveyor* Anthony Mizzi gie mistoqsi jghid kemm kienu jammontaw id-danni kagunati fil-vettura huwa jghid li l-*book value* tal-vettura in kwistjoni kien ta' €1,300 u bhala spejjez kienu ser jaqbzu l-ammont kemm kienet inxurjata l-vettura. Fir-rapport

(Dok. "RV 3" – *a fol.* 31 *et seq.*) mhejji minn Anthony Mizzi hemm indikat fiex kienu jikkonsistu dawn il-hsarat, li b'kollox kienu jaqbzu l-ammont ta' €1,500 pero mhux aktar minn €2,000. B'hekk m'hemmx dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Illi qabel tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fiz-zmien li gie kkommess ir-reat ta' hsara volontarja fil-kaz odjern, il-ligi kienet tiddisponi li, f'kaz ta' htija, il-piena taht Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tkun is-segwenti:

> "(a) jekk l-ammont tal-hsara ikun izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin;
>
> (b) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), il-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena".

Illi fis-sena 2014 l-Artikolu msemmi gie emendat biex issa gie jaqra li, f'kaz ta' htija, il-piena ghandha tkun is-segwenti:

> "(a) jekk l-ammont tal-hsara ikun izjed minn elfejn u hames mitt Euro (€2,500), il-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin;
>
> (b) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250), il-piena ta' prigunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar".

Illi tenut kont tal-ammont tal-hsarat kagunati fil-vettura in kwistjoni u tenut kont tal-piena ghall-ammont ta' hsara kagunati issa hija anqas severa taht l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat milli kellu jigi applikat l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

qabel dan gie emendat, il-Qorti ser issib lill-imputat hati taht Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat *stante* li fic-cirkostanzi huwa aktar favorevoli ghall-imputat.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan b'manjiera Traskurata, Bla Kont u b'mod Perikoluz)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz.

Illi l-Qorti ser tghaddi biex tara x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan. Dan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz,*

*inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni dak li ghandha l-Qorti huma d-depozizzjonijiet ta' Crispin Grima u Christian Cardona li raw lill-imputat isuq il-vettura. Huwa biss il-kwerelant Grima li jghid li ra lill-imputat isuq *gas down* u qal ukoll li f'dan il-hin ma rax nies fit-triq. Dak li qal l-kwerelant Grima fuq is-sewqan tal-imputat m'huwiex bizzejjed sabiex tigi pruvata t-tielet (3) imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement ser jigi liberat minnha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Sewqan ta' vettura minghajr licenzja)**:
Illi l-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li fic-*charge sheet* hemm indikat Artikolu 15(1)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-imputazzjoni taqa' taht Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota wkoll kif Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li minn ricerka li saret l-imputat ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan u li kien hemm skwalifiki tal-licenzji tas-sewqan li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 2005 u t-2 ta' Settembru 2005 u l-perjodu bejn is-26 ta' Frar 2009 u l-25 ta' Frar 2010. Isegwi ghalhekk li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Sewqan minghajr polza ta' assigurazzjoni)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4)".

Illi l-imputat ma gabx prova kuntrarja kif jiddisponi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ser jinstab hati tal-hames (5) imputazzjoni.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Sentenza Sospiza)**:
Illi taht is-sitt (6) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li tirrizulta mis-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 2011. Kopja vera ta' din is-sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*). Il-konnotati tal-persuna kontra min inghatat din is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna b'hekk m'ghandu jkun l-ebda dubju li l-imputat fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 2011 huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna. Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li fis-16 ta' Dicembru 2012 il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza msemmija

kien ghadu ghaddej, ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**<u>Recidiva tal-imputat *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta</u>**:
Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli msemmija. L-atti processwali jikkontjenu erba' sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni. Dawn l-erba' sentenzi gew immarkati bhala Dok. "RV 7" (*a fol.* 41 *et seq.*), Dok. "RV 8" (*a fol.* 44), Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*), u Dok. "RV 10" (*a fol.* 51 *et seq.*). Il-Qorti ser tiskarta Dok. "RV 8" (*a fol.* 44) *stante* li m'hemmx indikat fuqha li hija vera kopja tal-originali. Fir-rigward tad-dokumenti l-ohra, cioé Dok. "RV 7" (*a fol.* 41 *et seq.*), Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*), u Dok. "RV 10" (*a fol.* 51 *et seq.*), il-Qorti, filwaqt li tirrikonoxxi li ghandhom indikat fuqhom li huma vera kopja tal-original, tinnota li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw dawn is-sentenzi msemmija huma identici ghall-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna u b'hekk m'ghandu jkun l-ebda dubju li l-imputat fis-sentenzi msemmija huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna.

Illi in segwitu tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "RV 7" (*a fol.* 41 *et seq.*) jirrizulta li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*) u fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "RV 10" (*a fol.* 51 *et seq.*) l-imputat ser jitqies bhala recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li filwaqt li fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*) l-imputat imsemmi gie kkundannat sentenza sospiza t-terminu ta' liema kien ghadu ghaddej fis-16 ta' Dicembru 2012[1], fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "RV 10" (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn l-imputat gie kkundannat ihallas numru ta' multi, ma giex pruvat jekk dawn il-multi gewx imhallsa u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[2].

---

[1] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony sive Antoine Rapa**.
[2] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said.**

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat ghajr ghat-tielet (3) imputazzjoni li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "RV 6" – *a fol.* 37 *et seq.*) tal-imputat, minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser diversi drabi reati simili, in-natura tar-reati addebitati lilu fil-kawza odjerna u li gew pruvati, il-fatt li l-imputat kkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u l-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-imputat inghata cans wara l-iehor u dejjem evita, b'xi mod jew iehor, piena ta' prigunerija effettiva, sfortunatament f'dan il-kaz ma tantx hemm fejn il-Qorti tista' ddur u dana b'mod specjali tal-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli msemmija u l-fatt li huwa kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu issa jigi kkundannat terminu ta' prigunerija effettiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikoli 28B, 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 267, 270, 271(g) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Steven Farrugia hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tikkunsidrah ukoll bhala recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li kienu gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn[3], tikkundanna lill-imputat ghal

[3] *Vide* Dok. "RV 9" (*a fol.* 45 *et seq.*).

perijodu iehor ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' tnejn u erbghin (42) xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati sabiex, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma komplessiva ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u disgha u tmenin centezmu (€528.89).[4]

Finalment, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien ta' tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru min nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[4] PS 612 Theo Vella u PS 74 Mark Chetcuti (Dok. "TV 1" – *a fol.* 18): €103.58; Sur Joseph Mallia (Dok. "JM 3" – *a fol.* 94): €425.31.